# Is-Sehem tal-Banda fil-Festa Titulari ta' San Pietru u San Pawl fin-Nadur

Grazio A. Grech

Bħal kull festa oħra fil-gżejjer Maltin, fil-festa titulari fil-Parroċċa Kolleġġjata u Bażilika tan-Nadur, sa minn żminijiet l-aktar antiki, kienu jieħdu sehem fil-purċissjoni, xi elementi mużikali, fosthom iċ-ċimblu, it-tamborlin u anki l-fifra. Kienu wkoll jieħdu sehem xi daqqaqa tal-banda, kif ukoll il-banda, kemm fil-purċissjoni u kemm fil-festi esterni.

Mir-reġistri tal-eżitu tal-festa titulari, nafu li mill-1789 sal-1795 kien jieħu sehem wieħed biċ-ċimblu, *'per carreggio del cimbalo'*. Il-ħlasijiet għal dan kienu jvarjaw minn 8 sa 10 tarì (irbiegħi) kull sena. Bejn l-1803 u l-1832 insibu li kien jieħu sehem wieħed bit-tamborlin, u tas-sehem tiegħu kien jitħallas bejn 8 tarì u skut. Fis-sena 1833, 1834, 1835, insibu li fil-purċissjoni kienu jieħdu sehem daqqaqa kemm tat-tamborlin u kif ukoll tal-fifra, u l-ħlas kien ta' ftit aktar minn 7 tarì u 8 tarì.

Fl-1838 niltaqgħu għall-ewwel darba ma' ħlas marbut mas-sehem ta' 'banda' fil-purċissjoni, u tas-servizz li tat tħallset is-somma ta' skut, *'per la banda per aver accompagnato la processione'*. Fis-snin 1839, 1840, 1847 u 1848, tħallas skut kull sena lid-daqqaqa tal-banda, *'a suonatori della banda'*. Fis-sena 1854 tħallset is-somma ta' tmien skuti u ħames tarì għall-kompożizzjoni tal-banda, *'per componimento della banda'*, waqt li fis-sena 1863 u 1864, tħallas il-kanonku Dun Ġorġ Mercieca tas-sehem tal-banda. Fl-1865, l-istess kanonku Mercieca, għall-kompożizzjoni tal-banda, *'...per componimento della banda'*, tħallas 20 skut. Fl-1869, ċertu Kalċidon Balzan tħallas is-somma ta' 25 skut għall-banda. Fl-1870 niltaqgħu li tħallas għas-sehem tal-banda ċertu Calleja, u wara l-1873, niltaqgħu ma' Ġużeppi Balzan.

Fl-1880 kienu tħallsu 45 skut għall-banda, waqt li fl-1881 kienet tħallset is-somma ta' ftit aktar minn 67 skut għall-banda Maltija. Baned Maltin kienu wkoll ħadu sehem fil-festi titulari tas-snin 1882 u 1883, u tħallsu 85 skut u ftit aktar minn 47 skut rispettivament. Minn sorsi oħra, nafu li fil-festa titulari tas-snin 1884 u 1885, kienet ħadet sehem il-banda ċittadina *Leone* u tas-servizzi li tat tħallset is-somma ta' 36 skut kull sena. Mill-1886 sal-1889, ħadu sehem baned Maltin, fosthom il-banda li llum iġġib l-isem ta' *Duke of Connaught's Own Band*, ta' Birkirkara, li f'dak iż-żmien kienet iġġib l-isem ta' *Filarmonica Alleanza*. Dan nafuh għax kienet tħallset is-somma ta' 50 skut lis-Sur Kostantinu Fenech, li kien President u surmast suċċessur ta' Mro. Tumas Galea ta' din il-banda. Fil-festi tal-1887 u 1888, insibu lill-banda *San Ġorġ* ta' Bormla. Fl-1889 kienet ukoll banda Maltija li pparteċipat fil-festa titulari ta' San Pietru u San Pawl.

Mir-reġistru tal-eżitu nafu li mill-1890 sal-1900 is-sehem tal-banda ma naqasx fil-festa. Iżda għalkemm nafu li kienet tieħu sehem banda, ma nafux liema kienet, għax ma hemmx indikat. Nafu, iżda, li fl-1891 kienet ħadet sehem il-banda tar-Riġment, u ntefqet is-somma ta' £8 9s., waqt li fl-1899 nafu li kienet ħadet sehem banda Maltija. Minn sorsi oħra nafu li fis-sena 1890 kienet il-banda, *Maria Mater Garatiae* ta' Ħaż-Żabbar, waqt li fl-1892 u fl-1893 kienet ħadet sehem il-banda, *San Ġorġ* ta' Bormla. Kien ukoll matul dan id-diċennju li fin-Nadur twaqqfet l-għaqda mużikali *Calypso* fis-sena 1894, taħt it-tmexxija ta' Mro. Francesco De Cesare. Iżda, din il-banda Naduriża ma tantx kellha ħajja twila.

Fl-ewwel għoxrin sena tas-seklu li għadda, insibu li l-aktar banda Maltija li ħadet sehem fil-festa ta' San Pietru u San Pawl kienet il-banda *San Ġorġ* ta' Bormla. Fil-fatt insibuha tieħu sehem fis-snin 1906, 1908, 1909, 1911, 1912, 1914, 1915, 1916, 1917 u 1920. Fil-festa tal-1905 tħallset is-somma ta' £9 tas-sehem tal-banda.

> ***Musica***—La banda cospicuana *S. Giorgio* suonerà oggi al Nadur, Gozo, alle ore 8 p.m., il seguente programma :
>
> 1. March—La Fille de Mad. Augot—Lecoq
> 2. Overture—Banditen—Suppè
> 3. Grand Selection—Lucia—Donizetti
> 4. Valse—Studientina—Waldtenfel
> 5. Atto 3zo.—Ernani—Verdi
> 6. Galop—Chambrè—Grech.
>
> God save the Queen.
>
> GAETANO GRECH,
> Direttore

*Mill-ġurnal 'Risorgimento' tat-28 ta' Ġunju 1887. Il-Programm Mużikali li l-Banda San Ġorġ ta' Bormla esegwiet fil-festa tal-Imnarja fin-Nadur tas-sena 1887.*

Minn dettal imniżżel bil-lapes li hemm fuq ir-reġistru tal-eżitu, insibu li fis-sena 1907, Mikiel Teuma tħallas £7 tas-sehem tal-banda *La Stella*. Jidher li f'dan id-dettal hemm xi ħaġa mhix flokha. Dan għaliex Mikiel Teuma kien bandist tal-banda *Leone*, u kif diġa' rajna, kien diġa' tħallas tas-sehem tal-banda *Leone* xi snin qabel, mentri, fuq ir-reġistru qed jidher li qed jitħallas għan-nom tal-banda *La Stella*. Ta' min isemmi li f'dik l-epoka, kienet il-banda *Leone* li kienet tieħu sehem fil-festa ta' San Koronatu ċċelebrata fin-Nadur.

Intant, fl-1914, ġiet imżanżna statwa tad-dimostrazzjoni, xogħol l-istatwarju Malti Karmenu Mallia. Fis-sena 1919, kien inxtara mingħand is-Soċjetà Filarmonika *Leone* il-palk tal-banda bi prezz ta' £15 10s, waqt li fl-1920 il-banda *San Ġorġ* ta' Bormla, kienet daqqet l-Innu ad unur il-Padruni tan-Nadur, *'A SS Pietro e Paolo'*, kompożizzjoni mużikali tal-Kanonku Dun Anton Camilleri.

Fis-snin għoxrin u tletin, aktar baned bdew jieħdu sehem fil-festa titulari. Mill-1921 sal-1930, kull sena ħadet sehem banda Maltija. Fost dawn insibu li fis-sena 1922 ħadet sehem il-banda, *Duke of Edinburgh* (illum *Banda San Lawrenz*) tal-Birgu, waqt li fis-snin 1924, 1925, u 1927, ħadet sehem il-banda, *San Ġorġ* ta' Bormla. Fis-snin 1924 u 1925, ħadet sehem ukoll il-banda *La Vittoria* tal-Mellieħa, waqt li fl-1926, 1928, u 1930, ipparteċipat ukoll il-banda *St Elena* ta' Birkirkara. Fl-1927, ħadet sehem il-banda *San Ġiljan* ta' San Ġiljan u fis-sena 1929, insibu wkoll il-banda *Sacro Cour* tas-Sliema. Mill-baned Għawdxin, insibu li fl-1922 ħadet sehem il-banda *Leone*, u l-banda *La Stella* ħadet sehem fis-snin 1928 u 1929. Ta' min jgħid li fis-sena 1929, jidher li kienet mistiedna l-banda *La Valette*, iżda l-pulizija ma tatx il-permess minħabba l-ordni pubblika, *'...ragione di ordine publico'*.

Fis-snin tletin nerġgħu niltaqgħu mas-sehem tal-banda *St Elena* ta' Birkirkara mill-1931 sal-1934, fl-1936 u fl-1939. Fl-1935 niltaqgħu mas-sehem tal-banda *San Ġorġ* ta' Ħal Qormi, fl-1937 mal-banda *La Vittoria* tal-Mellieħa, waqt li fl-1938 niltaqgħu mas-sehem tal-banda *La Valette* tal-Belt Valletta. Minn fost il-baned Għawdxin,



*Is-sehem tal-Banda fl-imgħoddi fil-Festa tal-Imnarja.*
*Il-Banda 'San Ġorġ' ta' Bormla qed tesegwixxi Programm Mużikali fi Pjazza San Pietru u San Pawl fil-festa tas-sena 1912.*

niltaqgħu mas-sehem tal-banda *La Stella* mill-1931 sal-1935 u fl-1938. Fl-1938 u 1939 niltaqgħu wkoll mas-sehem tal-banda *San Ġużepp* ta' Għajnsielem.

Matul is-snin erbgħin, kienet il-banda *La Vittoria* tal-Mellieħa li kienet l-aktar li tiġi mistiedna sabiex tippartеċipa fil-festa tan-Nadur minn fost il-baned Maltin. Fil-fatt, insibuha tieħu sehem fil-festi mill-1944 sal-1950. Żewġ baned oħra Maltin li ħadu sehem matul dan id-diċennju huma; *St Elena* ta' Birkirkara fl-1945, u d-*Duke of Connaught* ta' Birkirkara fl-1946. Minn fost il-baned Għawdxin insibu li l-banda *La Stella* ħadet sehem mill-1944 sal-1950, waqt li l-banda *Leone* ħadet sehem fl-1945 u mill-1947 sal-1950. Fis-sena 1947 niltaqgħu wkoll mas-sehem tal-banda *Victory* tax-Xagħra.

Matul is-snin ħamsin inkomplu niltaqgħu mas-sehem tal-banda *La Vittoria* tal-Mellieħa mill-1951 sal-1955. Fis-snin 1956 u 1957, kienet ħadet sehem il-banda *San Mikiel* ta' Ħaż-Żabbar. Is-sehem tal-banda *La Stella* ta' Għawdex kien mill-1951 sal-1958, waqt li dak tal-banda *Leone,* kien fis-sena 1953, u mill-1956 sal-1958. Is-sehem tal-banda *Victory* tax-Xagħra kien mill-1951 sal-1958, waqt li fl-1957 ħadet sehem ukoll il-banda tal-*Boys Brigade.* Matul dan id-diċennju nsibu li fis-sena 1953 ġiet imżanżna statwa ġdida ta' San Pietru u San Pawl għad-dimostrazzjoni, xogħol il-Kav. Wistin Camilleri. F'din id-dimostrazzjoni kienet ħadet sehem il-banda *Leone.*

Mill-1958 sal-1966, il-festi esterni ta' San Pietru u San Pawl ma sarux minħabba tilwim parrokkjali. Iżda, wara li l-Kolleġġjata tan-Nadur ġiet mgħollija għal ġieħ ta' Bażilika, fis-sena 1967, saru festi kbar tal-okkażjoni. Mhux hekk biss, fis-sena 1967, ingħata bidu għat-twaqqif ta' Soċjetà Filarmonika fin-Nadur li mbagħad ġiet inawgurata fil-festa tas-sena 1968, bl-isem ta' *Mnarja.* Intant, bejn l-1967 u l-1970, il-banda *San Ġużepp* tal-Hamrun, ipparteċipat fil-festa tas-snin 1968 u 1969, waqt li l-banda *La Vittoria* tal-Mellieħa, ipparteċipat fis-sena 1967, u fl-1970 ħadet sehem ukoll il-banda *San Mikiel* ta' Ħaż-Żabbar. Mal-banda *San Ġużepp* tal-Ħamrun, fl-1968, kienu wkoll ħadu sehem il-baned *San Ġorġ* (Qormi), *Duke of Connaught* (Birkirkara), il-*King's Own* u l-banda *La Valette,* it-tnejn tal-Belt Valletta.

Il-baned Għawdxin; *Leone, Prekursur,* u *Victory,* ħadu sehem mill-1967 sal-1970, waqt li l-banda *San Ġużepp* ta' Għajnsielem, ħadet sehem fl-1967 u 1968. Il-banda *Mnarja* tan-Nadur ħadet sehem mill-1968 sal-1970.

Fis-sena 1971 kienet ħadet sehem il-banda *Duke of Connaught,* waqt li fis-sentejn ta' wara kienet il-banda *San Piju X* ta' Ħal-Lija li pparteċipat fil-festa titulari tan-Nadur. Mill-1974 sal-1980, ebda banda Maltija ma' ħadet sehem f'din il-festa titulari. Il-baned Għawdxin; *Mnarja, Victory* u *Prekursur,* ħadu sehem mill-1971 sal-1980 waqt li l-banda *Leone,* mill-1971 sal-1979. Mill-1976 sal-1980 ipparteċipaw ukoll il-baned *San Ġużepp* ta' Għajnsielem, u *La Stella* tal-Belt Victoria.

Mil-1981 sal-1987, is-sitt baned Għawdxin ipparteċipaw fil-festa titulari tan-Nadur, iżda mill-1988 sal-1990, kienu biss il-baned *Mnarja, Victory, Prekursur,* u *San Ġużepp* li pparteċipaw. Dan ġara minħabba l-fatt ta' ftehim li kien sar bejn dawn l-aħħar erba' baned minħabba diżgwid dwar il-bandisti li kien hemm maż-żewġ baned ċittadini tal-Belt Victoria, li wkoll irregolaw il-ħidma tagħhom versu s-sehem tagħhom fil-festi tal-irħula. Dan wassal sabiex fil-festa tan-Nadur reġgħu bdew jinġabu aktar baned Maltin. Veru li fl-1983 u fl-1987 kienu ħadu sehem il-baned *Imperial* tal-Mellieħa u *La Valette* rispettivament, iżda, mill-1988 sal-1990, kienet ħadet sehem il-banda *La Valette,* waqt li fl-1988 ħadu sehem ukoll il-baned *King's Own* u *St Elena.* Fis-sena 1990, ħadu sehem ukoll il-baned, *Żejtun* taż-Żejtun u *Maria Mater Gratiae* ta' Ħaż-Żabbar.

Matul l-aħħar diċennju tas-seklu għoxrin, diversi kienu l-baned Maltin li ħadu sehem fil-festa tal-Patruni tan-Nadur. Il-banda *Żejtun* reġgħet ħadet sehem fl-1991 u fl-1999, waqt li l-banda *Imperial,* ħadet sehem mill-1993 sal-1998. Il-banda *St Elena,* ħadet sehem fl-1991, 1993, 1994, 1995, 1996, kif ukoll fl-1998 u fl-2000. Il-banda *La Valette,* ħadet sehem fl-1992 u fl-1996, waqt li l-baned, *San Ġużepp* u *San Gejtanu* tal-Hamrun, ipparteċipaw fis-snin 1993 u 1997 rispettivament. Mill-banda l-oħra, kienu biss il-baned Għawdxin; *Mnarja, Victory, Prekursur* u *San Ġużepp* li ħadu sehem mill-1991 sal-1998. Fis-sena 1999, billi l-kuntratti li kien hemm bejn il-baned kienu skadew, reġgħu bdew jipparteċipaw il-baned tal-Belt Victoria, *Leone* u *La Stella,* waqt li fis-sena 2000 bdiet tieħu sehem il-banda li twaqqfet fil-Qala għall-aħħar tas-seklu, *Ite ad Joseph.*

F'din il-kontribuzzjoni, tajt diversi dettallji dwar l-elementi mużikali u s-sehem tal-baned li matul il-medda tas-snin ħadu sehem u pparteċipaw fil-purċissjoni u fil-festi esterni fir-raħal tan-Nadur. Festi li għal sekli sħaħ ġew iċċelebrati b'rabta mas-Solennita` tal-Appostli San Pietru u San Pawl li l-poplu Naduri tant iħobb.

© Grazio A. Grech • 2013.



*Il-Banda 'Sant Elena' ta' Birkirkara fuq il-palk tal-banda fil-festa tal-Imnarja fin-Nadur fis-sena 1926. Banda li bi tradizzjoni sa żminijietna ta' kull sena għadha tkun mistiedna għall-festa fin-Nadur.*



*Il-Banda 'Filarmonika La Valette' tal-Belt Valletta. Memorja mill-isbaħ tas-sehem ta' din il-banda fil-festi f'ġieħ San Pietru u San Pawl fin-Nadur fis-sena 1938.*